

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10221/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0295 (COD)

EF 168
ECOFIN 622
SURE 16
CODEC 911

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2009/138/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità, il-kwalità tas-superviżjoni, ir-rappurtar, il-miżuri ta' garanzija fit-tul, l-għodod makroprudenzjali, ir-riskji tas-sostenibbiltà, is-superviżjoni tal-gruppi u s-superviżjoni transfruntiera (Rieżami tas-Solvenza II)

- Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill Proposta għal Direttiva¹ li temenda d-Direttiva 2009/138/KE - Solvenza II. Il-proposta għandha l-għan li tirrieżamina l-qafas prudenzjali applikabbli għas-settur tal-assigurazzjoni b'mod komprensiv, li jkopri firxa wiesgħa ta' suġġetti, b'mod partikolari: il-proporzjonalità tal-miżuri b'kunsiderazzjoni tal-varjetà ta' impriżi li jkunu qed jiġu koperti; il-kwalità tas-superviżjoni; ir-rappurtar; l-hekk imsejħa "miżuri ta' garanzija fit-tul"; l-għodod makroprudenzjali; l-adattament tal-qafas għall-Patt Ekoloġiku Ewropew; is-superviżjoni ta' gruppi u tan-negozju transfruntier tal-assigurazzjoni; u, kwistjonijiet oħra inkluż miżuri tranżizzjonali.

¹ Dokument 11763/21 + ADD 1 sa ADD 6

2. Il-Proposta kienet parti minn pakkett li jinkludi wkoll Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u għar-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni², li bħalissa qed tiġi eżaminata fil-Kunsill, u Komunikazzjoni dwar ir-rieżami tal-qafas prudenzjali tal-UE għall-assiguraturi u r-riassiguraturi fil-kuntest tal-irkupru tal-UE wara l-pandemija³.
3. Il-Kummissjoni ppreżentat dan il-pakkett fil-Kunsill ECOFIN f'dibattitu ta' orjentazzjoni fil-5 ta' Ottubru 2021 u, flimkien mal-valutazzjonijiet tal-impatt relatati, lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja (Assigurazzjoni) fl-14 u l-15 ta' Ottubru 2021.
4. Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett⁴.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

5. Il-proposta ġiet diskussa mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja.
6. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari għadha pendenti.

² Dokument 11764/21 + ADD 1 sa ADD 5

³ Dokument 11992/21

⁴ Dokument 9837/22

7. Fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel, l-ewwel nett, li jibgħat il-kompromess finali tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 9676/22, lill-Kunsill, bħala punt mingħajr diskussjoni, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali dwar dan.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħa nota wkoll tar-rabtiet mill-qrib bejn id-Direttiva 2009/138/KE - Solvenza II u r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 tagħha.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti għaldaqstant qabel dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat l-istabbiliment f'waqtu ta' qafas prudenzjali aġġornat, bbilanċjat u konsistenti għas-settur tal-assigurazzjoni u li tali qafas komplut irid jinkludi wkoll l-emendi li jmiss għar-Regolament Delegat imsemmi hawn fuq.
10. Barra minn hekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħa nota li, meta l-koleġiżlaturi jidħlu f'negozjati tat-trilogu dwar il-proposta emendatorja tas-Solvenza II, huma ser ikollhom bżonn fehim komprensiv tal-qafas dettaljat tar-regoli li qed jiġu kkunsidrati u jiżguraw li l-eżitu tal-proċess leġislattiv ma jirriżultax f'żieda fl-imposti kapitali meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-UE.

11. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva għal dak il-għan rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Kunsill, kif jinsabu hawn taħt.

III. KONKLUŻJONI

12. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Kunsill:

- jaqbel dwar approċċ ġenerali fir-rigward tad-Direttiva proposta, kif jinsab fid-dokument 9676/22;
- iqis li minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn id-Direttiva 2009/138/KE - Solvenza II u r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 tagħha, ser ikunu meħtieġa emendi għaż-żewġ atti biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' rieżami bbilanċjat u konsistenti;

- jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex:
 - tippreżenta s-sitwazzjoni attwali tal-emendi previsti għar-Regolament delegat sabiex jiġi żgurat il-bilanċ u l-konsistenza tar-rieżami sħiħ tal-qafas tas-Solvenza II;
 - tkompli l-ħidma preparatorja fuq l-emendi previsti għar-Regolament delegat filwaqt li tindirizza l-istess objettiv ta' rieżami bbilanċjat u konsistenti tal-qafas tas-Solvenza II;
- possibbilment tirrivaluta s-sitwazzjoni qabel ma jinfetħu n-negozjati mal-Parlament Ewropew, filwaqt li tqis jekk sarx biżżejjed progress fil-ħidma preparatorja msemmija hawn fuq, f'konformità mal-objettiv ta' rieżami bbilanċjat u konsistenti tal-qafas tas-Solvenza II;
- tistieden lill-Presidenza biex tibda, meta prattikabbli, negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dak il-mandat bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari.